

Brussell, 4 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

8402/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0120(NLE)**

---

**SAN 265**  
**PHARM 75**  
**COVID-19 183**  
**PROCIV 43**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Mejju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 233 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-erbġħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 233 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 233 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.5.2021  
COM(2021) 233 final

2021/0120 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-erbgħa u sebgħin  
sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (WHA) b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni dwar il-modalitajiet/il-proċess għall-istabbiliment ta' trattat internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-pandemiji.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa**

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ġiet stabbilita bħala aġenzija speċjalizzata tas-saħħa tan-Nazzjonijiet Uniti skont it-termini tal-Artikolu 57 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kostituzzjoni<sup>1</sup> tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa daħlet fis-seħħ fis-7 ta' April 1948 u tiddefinixxi l-għan ewlieni tal-organizzazzjoni bħala l-“kisba mill-popli kollha tal-ogħla livell possibbli ta' saħħa”.

L-Unjoni Ewropea għandha status ta' osservatur informali fid-WHO. Dan l-istatus ġie stabbilit permezz ta' skambju ta' ittri ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fl-4 ta' Jannar 2001<sup>2</sup>. Dan l-iskambju kien jinkludi “Memorandum dwar il-qafas u l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej”. L-Istati Membri tal-UE kollha huma membri tad-WHO.

#### **2.2. L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa**

L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa hija l-korp governattiv ewlieni tad-WHO. Il-funzjonijiet ewlenin tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa huma li tiddetermina l-politiki tad-WHO, taħtar id-Direttur Ġenerali, tissorvelja l-politiki finanzjarji, u tirrieżamina u tapprova l-baġit propost tal-programm.

L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa ssir kull sena f'Ġinevra, l-Iżvizzera. L-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea se sseħħ b'mod virtwali mill-24 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju 2021.

Skont l-Artikolu 59 tal-Kostituzzjoni tad-WHO, kull Membru għandu vot wieħed fl-Assemblea Dinjija tas-Saħħa. Id-deċiżjonijiet jittieħdu minn maġġoranza tal-Membri preżenti u li għandhom il-vot, għajr għal ftit sitwazzjonijiet kif deskritt fl-Artikolu 60 tal-Kostituzzjoni, fejn tkun meħtieġa maġġoranza ta' żewġ terzi. Fil-prattika, isir kull sforz biex jintlaħaq qbil b'kunsens. L-Unjoni Ewropea m'għandha l-ebda dritt tal-vot.

Skont l-Artikolu 19 tal-Kostituzzjoni tad-WHO, l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa tingħata l-awtorità li tadotta konvenzjonijiet jew ftehimiet rigward kwalunkwe kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenza tal-Organizzazzjoni.

---

<sup>1</sup> [DOKUMENTI BAŻIĊI \(who.int\)](http://www.who.int)

<sup>2</sup> [https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/eu\\_world/docs/exchange\\_of\\_letters\\_2001.pdf](https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/eu_world/docs/exchange_of_letters_2001.pdf)

### 2.3. L-att previst tal-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa

F'Mejju 2021, matul l-erbgħa u sebgħin sessjoni tagħha, l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa hija mistennija tadotta Deċizzjoni proċedurali dwar il-modalitajiet/il-proċess għall-istabbiliment ta' trattat dwar il-ġlieda kontra l-pandemiji. B'mod aktar speċifiku, l-għan tad-Deċizzjoni huwa li tistabbilixxi Laqgħa Intergovernattiva li tabbozza u tinnegozja Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji għall-konsiderazzjoni mill-Assemblea tas-Saħħa skont l-Artikolu 19 tal-Kostituzzjoni tad-WHO.

### 3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-UE u l-Istati Membri tagħha qed imexxu l-isforzi internazzjonali biex isaħħu s-sigurtà tas-saħħa globali u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, b'mod partikolari dwar l-istat ta' tħejjija u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa, fost l-oħrajn abbażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill<sup>3</sup> ta' Novembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE fit-tisħiħ tad-WHO.

Il-proposta biex jiġi konkluż trattat internazzjonali dwar il-pandemiji qed tiġi diskussa bħalissa fil-kuntest tal-isforzi internazzjonali li għaddejjin biex tissaħħaħ is-sigurtà tas-saħħa globali fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija. L-għan ġenerali ta' Trattat bħal dan jenħtieġ li jkun li jiżgura l-impenn politiku u legali għal arkitettura tas-saħħa globali mtejba.

Li nipparteċipaw fl-iżvilupp ta' tali trattat ikun konformi mal-Artikolu 21(1) tat-TUE li jafferma li “L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew globali, li jikkondividu l-prinċipji msemmija fl-ewwel subparagrafu. Hija għandha tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti”. Il-Kunsill Ewropew<sup>4</sup> fi Frar 2021 tenna l-impenn tiegħu biex “[i]mmexxu 'l quddiem is-sigurtà tas-saħħa globali, inkluż billi nsaħħu l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u billi naħdmu lejn trattat internazzjonali dwar il-pandemiji fi ħdan il-qafas tagħha”.

Għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tiegħu għadu ma ġiex deċiż, it-Trattat internazzjonali previst se jindirizza t-theddid transfruntier serju għas-saħħa. Tali objettiv x'aktarx li jikkonċerna oqsma ta' politika, li huma bbażati fuq it-Titolu XIV tal-Parti III tat-TFUE iżda possibbilment jista' jikkonċerna wkoll diversi artikoli oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, pereżempju:

- Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji zoonotiċi bħala parti mill-approċċ “saħħa waħda”, li jirrikjedi rabtiet ma' trattati ambjentali u kwistjonijiet bħall-bijodiversità u l-kummerċ fi speċijiet fil-periklu, li jistgħu jaffettwaw fost l-oħrajn ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom;
- Sistema strutturata għall-kondiviżjoni tal-patoġeni, is-sekwenzi ġenetiċi u l-benefiċċji li jirriżultaw minnhom għal skopijiet ta' saħħa pubblika (il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE hija r-Regolament (UE) Nru 511/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri ta' konformità għall-utenti mill-Protokoll

<sup>3</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12276-2020-INIT/mt/pdf>

<sup>4</sup> Id-Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew, 25-26 ta' Frar 2021

ta' Nagoya dwar l-Access għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni);

- Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-privatezza, b'mod partikolari fid-dawl tal-użu tat-teknoloġija ta' sorveljanza, l-intelliġenza artifiċjali u l-big *data* għal finijiet ta' saħħa pubblika (eż. ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*); kif ukoll
- Il-miżuri li jippromwovu l-implimentazzjoni u l-konformità, eż. il-proċessi ta' rieżami bejn il-pari u l-esperti, il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà reċiproka, l-arranġamenti ta' verifika u spezzjoni, u l-proċessi għas-soluzzjoni tat-tilwim.
- Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa kif ukoll ir-Regolament futur dwar it-Theddid Transfruntier għas-Saħħa se jiġu affettwati wkoll mit-Trattat futur.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u l-effett probabbli tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE f'oqsma differenti tal-azzjoni tal-UE, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-Unjoni flimkien mal-Istati Membri. Il-prinċipji li ġejjin jenħtieġ li jiġgwidaw il-pożizzjoni tagħhom fid-diskussjonijiet li ġejjin tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar Deċiżjoni possibbli li tistabbilixxi l-proċess għall-abbozzar u n-negozjar ta' Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Thejġija u r-Rispons għall-Pandemiji:

- a. Jenħtieġ li l-UE titħalla tipparteċipa bħala parti kontraenti għat-Trattat sabiex tappoġġa bis-siġh l-istabbiliment ta' proċess tad-WHO għal Konvenzjoni Qafas ġdida dwar l-Istat ta' Thejġija u r-Rispons għall-Pandemiji.
- b. Id-deċiżjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa li tistabbilixxi l-aspetti proċedurali tan-negozjati jenħtieġ li tippermetti għall-parteċipazzjoni siġha tal-UE fil-proċess ta' negozjar.
- c. Konvenzjoni qafas ġdida trid issaħħaħ il-qafas internazzjonali eżistenti għall-prevenzjoni u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa, tkun komplementari għalih u ġġib magħha valur miżjud, b'kont meħud tal-eżitu tas-Summit Globali dwar is-Saħħa li jmiss fit-21 ta' Mejju. F'konformità ma' dan, jenħtieġ li kwalunkwe Konvenzjoni Qafas ġdida tikkomplementa u ssaħħaħ l-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR), u tindirizza effettivament kwalunkwe lakuna f'dawk ir-Regolamenti.
- d. Id-diskussjonijiet dwar Konvenzjoni Qafas jenħtieġ li jqisu l-eżitu tal-bordijiet indipendenti<sup>5</sup> li jagħmlu rieżami tar-rispons internazzjonali għall-pandemija mmexxija mill-WHO, biex jiżguraw li dan ikun ibbażat sew fuq l-evidenza u jkun jirrifletti t-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza globali fl-indirizzar tal-pandemija tal-COVID-19.

---

<sup>5</sup> B'mod partikolari l-Bord Indipendenti dwar l-Istat ta' Thejġija u r-Rispons għall-Pandemiji, il-Kumitat ta' Rieżami tal-IHR u l-Kumitat Indipendenti ta' Sorveljanza u Konsulenza tal-Programm tad-WHO dwar l-Emerġenzi tas-Saħħa

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### 4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tas-sede jew parti għall-ftehim<sup>6</sup>.

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta’ regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”<sup>7</sup>.

#### 4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa hija korp imwaqqaf bi ftehim, speċifikament il-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, iffirmata fi New York fit-22 ta’ Lulju 1946.

Id-deċiżjoni dwar il-modalitajiet li l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa hija mitluba tadotta tikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali għall-Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa f’konformità mal-Artikoli 18 u 60 tal-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. L-att previst għandu wkoll effetti legali minħabba li jiddetermina l-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tipparteċipa bis-sħiħ fl-abbozzar u n-negozjar ta’ konvenzjoni qafas tad-WHO dwar l-istat ta’ tħejjija u r-rispons għall-pandemiji għall-kunsiderazzjoni mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa skont l-Artikolu 19 tal-Kostituzzjoni tad-WHO u li ssir parti għal din il-Konvenzjoni bħala Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

Il-Konvenzjoni Qafas se jkollha impatt fuq l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni u, skont il-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE f’oqsma bħas-saħħa, il-kummerċ, il-moviment liberu, il-protezzjoni ta’ *data* personali, is-suq intern u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li kollha kemm huma jistgħu jsiru rilevanti taħt il-Konvenzjoni Qafas.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

<sup>6</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punt 64.

<sup>7</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

## **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-baży ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawn il-miri jew wieħed minn daww il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma marbuta mal-kooperazzjoni internazzjonali li qed tiżdied fil-qafas tal-istat ta' thejjiġa u r-rispons għas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, bl-għan li jiġu promossi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti." B'mod partikolari, l-għan prinċipali huwa l-ġlieda kontra l-flaġelli tas-saħħa transfruntieri u t-theddid transfruntier serju għas-saħħa.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 168(3) u (5) tat-TFUE.

## **4.3. Konklużjoni**

Il-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 168(3) u (5) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(3) u (5), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 21, paragrafu 1 tat-TUE, jiddikjara li l-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubiji mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew globali li jikkondividu l-prinċipji msemmija fl-ewwel subparagrafu. Hija għandha tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Il-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ("il-Ftehim") daħlet fis-seħħ fis-7 ta' April 1948.
- (3) Skont l-Artikolu 60 tal-Ftehim, l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa tista' tadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza tal-Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) preżenti u li jivvutaw.
- (4) L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa, matul l-erbgħa u sebgħin sessjoni tagħha li tibda fl-24 ta' Mejju 2021, se tadotta deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' Laqgħa Intergovernattiva biex tabbozza u tinneozja Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Assemblea Dinjija tas-Saħħa, billi d-deċiżjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa se tiddetermina l-abbiltà tal-Unjoni Ewropea li tipparteċipa fl-abbozzar u fin-negozjar ta' Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji u li potenzjalment issir parti għaliha bħala Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.
- (6) Il-parteċipazzjoni sħiħa tal-Unjoni Ewropea fl-abbozzar u fin-negozjar ta' Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji u l-adeżjoni possibbli tagħha mal-Konvenzjoni se jikkontribwixxu biex tiżdied il-kooperazzjoni internazzjonali b'reazzjoni għall-pandemiji fi ħdan is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.



- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa għandha tkun kif ġej:

L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-istabiliment ta' proċess tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għal Konvenzjoni Qafas ġdida dwar l-Istat ta' Thejjiġa u r-Rispons għall-Pandemiji u għandha titħalla tipparteċipa bħala parti kontraenti għal tali trattat.

Id-deċiżjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa li tistabbilixxi l-aspetti proċedurali tan-negożjati għandha tippermetti għall-parteċipazzjoni sħiħa tal-Unjoni fil-proċess tan-negożjati, fid-dawl tal-adeżjoni possibbli tal-Unjoni mal-Konvenzjoni bħala Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

Dan għandu jinkiseb permezz tal-inklużjoni ta' referenzi speċifiċi fit-test tad-deċiżjoni li jiċċaraw li kwalunkwe korp intergovernattiv stabbilit biex jabbozza u jinnegozja l-Konvenzjoni għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

#### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-isem l-Unjoni.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*